MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 755/2011/1

**Chev. Louis Scerri Montaldo**
**f'ismu personali u ghan-nom**
**tal-Ordni Sovrana ta'**
**San Gwann ta' Gerusalem**
**vs**
**Basilio Calì**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tat-2 ta' Gunju 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat li saret fid-9 ta' Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2011;

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex

ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi mmirata biex terga' tpoggi fis-sehh mandat ta' inibizzjoni li din il-Qorti kienet akkordat fit-12 ta Gunju 2007 (rikors 792/07) u segwit b'kawza fil-mertu li ghadha pendenti (659/07CFS). Fit-12 ta' Mejju 2009 dan il-mandat kien gie revokat fuq talba tal-intimat prezenti (rikors 659/09) wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti godda li gab l-istess intimat a konjizzjoni tal-Qorti. Jirrizulta mill-atti illi r-rikorrenti kien gie notifikat bl-imsemmi mandat izda ma ghamel ebda risposta.

Waqt dawn il-proceduri odjerni r-rikorrenti jghid illi n-notifika tar-rikors revoka saret fl-indirizz tieghu izda inghatat f'idejn certu Ronald Schembri li hu persuna mentalment inkapacitat. Din il-persuna ma kkonsenjatlux l-imsemmi mandat u ghalhekk ma kienx jaf bih hlief meta mar jigbor kopja tal-mandat originali dan l-ahhar in konnessjoni mal-investitura li kellu jaghmel l-intimat u skopra li l-imsemmi mandat 792/2007 kien gie revokat.

L-intimat qed jistrieh primarjament fuq il-fatti u dokumenti godda li hu ppresenta ghar-revoka tal-mandat precedenti li l-Qorti hasset li minhabba fihom kellu jigi revokat il-mandat. Inoltre qed jissottometti illi l-mandat odjern ma ghandux jigi milqugh u dan a terminu tal-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 liema artikolu jistipula illi ebda mandat gdid ma jista jinhareg wara revoka tieghu sakemm ma jigix pruvat illi sehhew cirkostanzi godda wara r-revoka tal-

mandat li minhabba fihom jisthoqq li l-mandat jerga' jigi akkordat.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma weriex cirkostanzi godda li ghalihom il-mandat ghandu jigi ravvivat anzi kien l-intimat li ppresenta dokumenti fejn wera illi l-mandat originali kellu jigi revokat kif fi-fatt akkordat l-istess Qorti diversament preseduta.

Ghalkemm r-rikorrenti illum qed jgib 'l quddiem l-invalidita tan-notifika tar-rikors revoka, it-talba tieghu ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mill-gdid trid tkun imsejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 836(5).

Ir-rikorrenti ma gab ebda prova ta' cirkostanzi godda mir-revoka tal-mandat precedenti li minhabba fihom ghandu jintlaqa' dan il-mandat.
Il-kwistjoni tan-nullita tan-notifika tar-rikors revoka u konsegwenti digriet revoka semmai hi kwistjoni li kellha titqajjem f'sede ohra u mhux din u b'din il-procedura.

Peress li l-Qorti mhix sodisfatta li jirrikorru ir-rekwiziti tal-artikolu 873 tal-Kap. 12 sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti billi jirrizulta li prima facie r-rikorrenti ma gabu ebda prova ta' bdil fic-cirkostanzi mir-revoka tal-mandat precedenti li minhabba fihom ikun misthoqq li jerga' jinhareg mandat ta' inibizzjoni fuq l-istess premessi u talbiet tal-mandat revokat u dan skond l-artikolu 836(5) din il-Qorti filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet provvizorju taghha tat-2 ta' Gunju 2011, qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------